# GĦELUQ IL-50 SENA MIT-TRAĠEDJA F'ĦAL LUQA

Dan kien l-għan li għalih ġie organizzat programm ta' attivitajiet tul il-ġimgħa bejn il-Ħadd 5 t'April u l-Ħamis 9 t'April 1992. U ħafna ftakru f'dawk is-snin, meta ħajjithom kienet bejn nar u ilma, meta ma kenux jafu jeġgħux jaraw żernieq ieħor. Oħrajn ftakru fl-għeżież tagħhom li llum m'għadhomx magħna, li nħasdu minn din id-dinja mill-għadu bla qalb, filwaqt li aħna, il-ġenerazzjoni tal-lum immaġinajna dak li missirijietna u ommijietna tarfulna fuq dak li huma flimkien ma' l-għeżież tagħhom għaddew minnu bejn l-1940 u l-1942.

U rajna u smajna flimkien it-tifkiriet ta' dawk is-snin biex ma ninsew qatt x'għamlu missirijietna għalina u għal pajjiżna. Kienu attivitajiet li qanqlu l-qlub ta' ħafna, u kien għalhekk li aħna ħassejna li kellna niddedikaw ftit paġni f'dan il-ktieb għal dawn l-attivitajiet sabiex jibqgħu mfakkra għas-snin li ġejjin.

Il-Kumitat li ġie maħtur beda jaħdem minn kmieni din is-sena, iżda sfortunatament ikollna nammettu illi ż-żmien kien limitat. Il-ġimgħa attivitajiet bdiet bil-ftuħ ta' wirja fil-kappella tal-ftajjar. F'din il-wirja kien hemm esebiti għadd ta' ritratti flimkien ma' xi tagħrif ġenerali fuq ir-raħal tul is-snin tal-gwerra. Kien hemm ukoll għadd ta' tpinġijiet li saru mis-sur C Montebello fis-snin tal-gwerra, filwaqt illi ġiet esebita wkoll il-midalja li kien ġie mogħti s-Sur Penza bħala turija ta' apprezzament għall-ħidma li wettaq fir-raħal. Din il-wirja tbierket mill-Kappillan il-ġdid, il-W.R. A. Vella u nfetħet mill-Kappillan ta' qablu, il-W.R. G. Vella. Kienu ħafna dawk li żaru din il-wirja u qagħdu jirrakontaw lill-uliedhom jew lill-ulied uliedhom it-tifkiriet xejn sbieħ tal-gwerra.

L-għada t-Tnejn sar korteo mit-tfal tar-raħal. Fost dawk li ħadu sehem rajna l-*Girl Guides*, it-tfal bniet tad-duttrina u s-subien tal-MUSEUM flimkien mat-tfal ta' l-iskola Primarja. Dawn imxew wara grupp ta' *Boy Scouts* li ġew mistiedna għall-okkażjoni. Il-qofol ta' dan il-korteo intlaħaq fi Triq Papa Innoċent fejn it-tfal poġġew fjuri fuq il-post fejn tilfu ħajjithom għadd ta' Ħal Luqin, proprju nhar id-9 ta' April, 1942. Kienet xena kommoventi ħafna. Wara sar it-tberik mill-Kappillan tar-raħal. Għall-okkażjoni saret ukoll kompetizzjoni ta' kitba ta' komponimenti. Il-parteċipazzjoni kienet waħda sodisfaċenti.

Nhar it-Tlieta, 7 t'April, saret lejla Mużiko-Letterarja fil-Knisja Parrokkjali. Din saret taħt il-presidenza ta' l-Eċċellenza Tiegħu il-President ta' Malta, Dr. Ċensu Tabone u s-Sinjura tiegħu. F'din il-lejla ħa sehem il-*Chorus Excelsior* flimkien

ma' orkestra li kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast J. Dimech. Sar kunċert fuq l-orgni mill-organista s-Sur J. Cassar u nqraw xi poeżiji mis-Sur P.P. Theuma u s-Sur T. Costa. Mbagħad sar diskors ta' l-okkażżjoni minn Dun Karm Zammit u wara mill-Eċċ Tiegħu l-President ta' Malta, Dr. Ċensu Tabone. Min-naħa tiegħu, il-President ta' Malta tkellem dwar il-kruha tal-gwerra, l-għaks u t-tbatijiet li ġġib magħha u filwaqt li ta ġieħ għall-qlubija li wrew il-Ħal Luqin f'dawk id-diffikultajiet kollha, hu awgura li l-istorja ma tirrepeti ruħha qatt aktar. Din il-lejla għalqet bl-għoti ta' diplomi mill-Eċċ Tiegħu l-President ta' Malta lill dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw s-sehem tagħhom. Fl-aħħar ta' dan l-atiklu qegħdin nippublikaw siltiet mid-diskors li għamel Dun Karm Zammit u l-poeżija li nqrat mis-Sur Tusè Costa.

Nhar l-Erbgħa 8 t'April ittellgħet il-mima "Tifkira ta' Gwerra" mill-Grupp Teatru ta' Ħal Luqa. Din kienet biċċa xogħol tajba ferm u ż-żgħażagħ li ħadu sehem ħaqqhom kull tifħir u xejn anqas is-Sur J. Chircop li ħa ħsieb il-kitba u l-produzzjoni tagħha. Din il-mima tat idea tajba ħafna ta' x'ġarrbu n-nies tar-raħal f'dawk is-snin tal-gwerra. Hu diffiċli tesprimi ruħek x'ħassejt waqt dik il-mima, ngħid biss li xi demgħa 'l hawn u 'l hemm ma naqsitx u kulħadd esprima s-sodisfazzjon tiegħu bi kliem ta' tifħir. Dawk iż-żgħażagħ ħaqqhom kull inkoraġġiment u nħeġġuhom biex jagħtuna aktar xogħolijiet bħal dawn. Prosit.

Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet intlaħaq nhar il-Ħamis, 9 ta' April. Ħamsin sena ilu l-istess data inzertat fl-istess ġurnata wkoll. Għal din l-okkażjoni ġiet konċelebrata quddiesa b'suffraġju għall-vittmi tal-gwerra f'Ħal Luqa. Din tmexxiet mill-Vigarju Ġenerali Mons. A. Depasquale, ħa sehem miegħu l-kleru ta' Ħal Luqa flimkien ma' saċerdoti oħra li taw is-servizz pastorali tagħhom fir-raħal. Qabel din il-quddiesa sar korteo li għadda minn diversi toroq tar-raħal bis-sehem ta' diversi għaqdiet u movimenti kostitwiti f'Ħal Luqa. Fost dawn ħadu sehem iż-żewġ każini tal-baned bl-istandard rispettiv tagħhom. Wara l-quddiesa tkompla l-korteo mill-knisja sal-post fejn twaqqaf il-mafkar ta' tifkira fi Triq Sant'Andrija. Hemmhekk sar il-kxif tiegħu mis-Sinjorina Agnes Azzopardi u ndaqq il-*Last Post* minn suldat tal-AFM u sar diskors kommemorattiv u talba mill-Vigarju għall-Vittmi Ħal Luqin. Wara tpoġġew kuruni fuq il-mafkar mid-diversi għaqdiet.

Kienu attivitajiet sempliċi iżda li kellhom sinifikat kbir. J'Alla din it-tifkira tibqa ssir kull sena nhar id-9 ta' April sabiex it-tifkira tibqa' ħajja minn ġenerazzjoni għall-oħra.

**Raymond Zammit**